MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 874/2007

Matthew Ellul Sullivan, Nichas sive Nicky Stellini u Andrew Ellul Sullivan
vs
Kuraturi Deputati u b'digriet tat-12 ta' Settembru 2007 giet nominata kuratrici Theresa sive Terry Addison biex tirrapprezenta lill-assenti Richard Ellul Sullivan, mart, u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2008 il-kelma mart giet sostitwita ghal ir-ragel ta' Anna Ellul Sullivan nee` Apap ta' Nazzjonalita` Maltija, bin il-mejtin Anthony Ellul Sullivan u Giuditta sive Giulia Ellul Sullivan, nee` Saliba, imwielda tas-Sliema u residenti Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi Richard Ellul Sullivan, ir-ragel ta' Anna Ellul Sullivan u missier ir-rikorrenti kollha, twieled fis-6 ta' Jannar 1948, gewwa Sliema, bin Anthony Ellul Sullivan u

Giuditta sive Giulia Sullivan nee` Saliba, bhal ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness mar-rikors guramentat, immarkat bhala Dokument “A”;

2. Illi Anna Ellul Sullivan u zewgha Richard Ellul Sullivan kienu zzewgu fis-16 ta’ Marzu 1968, fil-Knisja Parrokjali ta’ San Girgor, gewwa tas-Sliema, bhal ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, Dokument B anness mar-rikors guramentat;

3. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, li jismihom Matthew, Andrew u Nichas sive Nicky, illum Stellini, mart Gianfranco u cioe` t-tliet rikorrenti;

4. Illi fl-ahhar jiem ta’ Novembru tas-sena 1977, u ghalhekk aktar minn disgha u ghoxrin (29) sena ilu, l-assenti prezunt mejjet Richard Ellul Sullivan kien jifforma parti mill-ekwipagg fuq il-vapur ‘Queen of Peace’, meta dan kien waqt vjagg bejn Reggio Calabria, l-Italja, u Benghazi, Libya, meta dan l-istess vapur ghereq. Wara li ghereq il-vapur, l-istess decujus Richard Ellul Sullivan kien ghadda xi jiem fuq ‘rubber dinghy’, izda wara ftit miet. Ghalhekk wara li thalla mejjet ghal xi jiem, huwa ntefa` l-bahar minn xi hadd li baqa’ haj. Giet annessa kopja informi ta’ affidavit datat 16 ta’ Marzu 1978, immarkat bhala Dokument C, maghmul fir-Registru tal-Qrati, minn Carmelo Grima, bin Emanuel u l-mejta Katerina nee` Paris, li kien jifforma parti mill-ekwipagg ta’ l-istess vapur – u li kien baqa’ haj;

5. Illi l-istess Richard Ellul Sullivan ilu nieqes minn daru kif ukoll minn Malta minn dak iz-zmien u cioe` mix-xahar ta’ Novembru tas-sena 1977 u kemm martu Anna Ellul Sullivan u kif ukoll it-tlett itfal taghhom, ir-rikorrenti fuq imsemmija, kif ukoll hut, qraba u hbieb ta’ l-istess Richard Ellul Sullivan, qatt ma semghu b’ahbaru. Fil-fatt ukoll qatt ma rcevew l-ebda korrispondenza, telefonata jew forma ohra ta’ kommunikazzjoni jew messagg, sija minghandu jew minn xi hadd ghan-nom tieghu jew dwaru. Izda fill-fatt gheb ghal kollox mix-xena, sija lokali kif ukoll dik internazzjonali;

6. Illi minkejja tfittxija intensiva mill-awtoritajiet kompetenti, kemm lokali kif ukoll mill-Egittu, kienu nstabu whud biss mill-membri ta' l-ekwipagg izda Richard Ellul Sullivan qatt ma nstab u dan wiehed jasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt il-kadavru ghereq f'dan l-incident u dan wara li kien diga miet, kif spjega l-istess Carmelo Grima. Gew annessi kopji informi ta' xi pagni tal-gazzetti lokali The Times of Malta, immarkati bhala Dokumenti D, E u F, li jirrapportaw dan l-incident u li fil-fatt ma nstabux nies ohrajn hajjin, hlief ghall-Inginier Carmelo Piscopo u l-bahri Carmelo Grima, gja fuq imsemmi;

7. Illi sal-lum id-Direttur tar-Regsitru Pubbliku ma harigx certifikat tal-mewt ta' l-istess Richard Ellul Sullivan, u dan wara li ghaddew hafna aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar ta' l-istess assenti Richard Ellul Sullivan u cioe` assenza kontinwa u mhix interrotta;

8. Illi r-rikorrenti jafu personalment bil-fatti hawn fuq dikjarati;

9. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet qabel premessi, ir-rikorrenti kollha talbu lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara li Richard Ellul Sullivan, bin il-mejtin Anthony u Giuditta sive Giulia konjugi Ellul Sullivan, ta' nazzjonalita` Maltija, li twieled gewwa tas-Sliema fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u tmienja u erbghin (1948), mizzewweg lil Anna nee` Apap, u li kellu t-tlett itfal, ir-rikorrenti odjerni Matthew Ellul Sullivan, Nichas Stellini u Andrew Ellul Sullivan, ilu nieqes ghal aktar minn ghaxar (10) snin kontinwi u li tul l-istess perjodu qatt ma nstema' b'ahbaru u dan ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom id-dhul fil-pussess assolut tal-beni ta' l-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta' l-assenti Richard Ellul Sullivan u tiddikjara mahlula l-garanziji, jekk kienu jezistu.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min jirrapprezentahom, li gew ingunti ghas-subizjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Matthew Ellul Sullivan.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ipprezentati mar-rikors guramentat.

**B. PROVI:**

Rat in-nota a fol 35 li biha Theresa sive Terry Addison tat ruhha b’notifikata.

Rat ukoll in-nota a fol 36 fejn Theresa sive Terry Addison ammettiet it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors fl-ismijiet fuq premessi.

Gie prezentat affidavit ta’ Anna Ellul Sullivan fejn issemma li hi kienet izzewget lil Richard Ellul Sullivan fl-1968 bhal ma jirrizulta att taz-zwieg. Minn dan iz-zwieg hi u Richard kellhom tlett itfal. Qalet li Richard kien salpa fuq vapur f’Novembru tal-1977, li kellu bhala tragitt minn Reggio ghal Benghazi, fil-Libja. Ftit wara kienu saru jafu li l-vapur kien ghereq u li kienu salvaw ftit nies fuq xi dinghies imma b’xorti hazina zewgha ma kienx wiehed minnhom u ghalhekk IPprezumew li hu ma rnexxielux isalva. Hi qatt ma semghet minghandu u qatt ma rceviet l-ebda tip ta’ komunikazzjoni minghandu. Hi qalet li Richard x’aktarx li ghereq.

Rat l-affidavit ta’ Nichas Stellini fejn qalet li bhal ma jirrizulta mill-att tat-twelid hi tigi bint Richard u Anna Ellul Sullivan. Qalet li missierha kien salpa fuq vapur li kellu bhala tragitt minn Reggio ghal Benghazi, fil-Libja. Ftit wara kienu saru jafu li l-vapur kien ghereq u li kienu salvaw ftit nies imma missierha ma kienx wiehed minnhom. Hi qatt ma semghet minghand jew fuq missierha aktar, hu sparixxa mix-xena lokali u internazzjonali. Rat l-affidavit ta’ Matthew Ellul Sullivan fejn issemma li hu twieled fis-17 ta’ Settembru 1968 bhal ma jirrizulta mill-att tat-twelid u jigi iben Richard u Anna Ellul Sullivan. Ikkonferma l-istess fatti li hemm fl-affidavit ta’ ohtu Nichas Stellini. Gie prezentat affidavit ta’ Andrew

Ellul Sullivan fejn issemma li hu twieled fil-11 ta' Settembru 1972 bhal ma jirrizulta mill-att tat-twelid hu jigi iben Richard u Anna Ellul Sullivan. Ikkonferma l-istess fatti li hemm fl-affidavit ta' ohtu Nichas Stellini.

Rat l-affidavit ta' Theresa sive Terry Addison fejn qalet li hi tigi oht Richard Ellul Sullivan. Qalet li Richard kien salpa fuq vapur f'Novembru tal-1977, li kellu bhala tragitt minn Reggio ghal Benghazi, fil-Libja. Ftit wara kienu saru jafu li l-vapur kien ghereq u li kienu salvaw ftit nies fuq xi dinghies imma b'xorti hazina huha ma kienx wiehed minnhom u ghalhekk ipprezumew li hu ma rnexxielux isalva. Hi qatt ma semghet minghandu u li qatt ma rceviet l-ebda tip ta' komunikazzjoni minghandu. Hi qalet li Richard x'aktarx li ghereq.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Osservat id-dokumenti esebiti, fosthom kopji tal-gazzetti Times of Malta, u d-Dokument C li mhux awtentikat izda li fih jissemma d-dikjarazzjoni ta' Carmelo Galea dwar l-incident.

Dan ir-rikors gie istitwit mill-qraba ta' l-assenti Richard Ellul Sullivan sabiex jigi dikjarat li l-assenza ta' Richard Ellul Sullivan minn dawn il-Gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' tletin sena kontinwi. Gie mitlub ukoll li jinhallu l-garanziji li kienu jezistu.

Illi l-intimata Theresa Addison tat ruhha b'notifikata bir-rikors u ammettiet it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors. Irrizulta mill-provi li f'Novembru 1977 gheb il-vapur "Queen of Peace" meta dan kien waqt vjagg bejn Reggio Calabria, l-Italja u Benghazi, il-Libya meta dan l-istess vapur ghereq.

Minn affidavit (mhux originali u anqas awtentikat) ta' Carmelo Galea li kien parti mill-ekwipagg, izda baqa' haj, jirrizulta li Richard Ellul Sullivan kien ghadda xi jiem fuq *dinghy* wara li ghereq il-vapur, izda wara ftit miet, u sussegwentement intefa' l-bahar. (a fol 8 tal-process). Jirrizulta wkoll li kienet saret tfittxija intensiva mill-awtoritajiet kompetenti, izda ghalkem instabu xi whud mill-

ekwipagg, Richard Ellul Sullivan baqa' ma nstabx. Ghalhekk, ir-rikorrenti ipprocedew bil-kaz odjern.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 223 tal-Kap 16 ighid hekk:
"Jekk l-assenza tissokta ghal zmien ta' sitt snin wara d-dhul fil-pussess provizorju, jew jekk b'rikors guramentat li jkun gie pprezentat mill-werrieta b'testment jew mill-werrieta bil-ligi tal-assenti quddiem il-Qorti kompetenti tal-gzira li fiha l-assenti kien joqghod l-ahahr kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun giet dikjarata b'sentenza li tkun damet ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwar l-assenti, il-Qorti kompetenti ghandha, fuq it-talba ta' min ikollu interess, taghti b'digriet id-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, u tiddikjara mahlulal-garanziji, u li mghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu ikunu gew ordnati."

In vista wkoll tal-artikoli 234 u 299 tal-Kap 16, u stante li matul il-perjodu ta' ghaxar snin mill-assenza ta' Richard Ellul Sullivan, ma irrizultaw l-ebda fatti li jistghu jkunu ta' indikazzjoni li ghadu haj, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi Richard Ellul Sullivan ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar tieghu, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluzi d-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq fl-Artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili ta' Malta.

Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta' l-assenti Richard Ellul Sullivan u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li iddependu mill-mewt ta' l-assenti.

Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

Fic-cirkostanzi, spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------